MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Numru 600/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Justine Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Justine Zammit ta’ 18-il sena bint Alfred u Antoinette nee’ Schembri imwielda Pieta’ fl-20 ta’ Settembru 1984 u residenti Block A, Flat 12, Qasam Bini tal-Gvern B’Bugia, detentrici ta’ karta ta’ identita numru 464084(M) akkuzata talli: b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u cioe’:

1. fid-19 ta' Mejju 2003 u f'diversi granet matul ix-xhur ta' qabel din id-data kkommettiet serq ta' flus kontanti mill-istabbiliment bl'isem 'Park Towers Supermarket' li huwa sitwat fi Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan li l-valur totali jeccedi l-elf lira Maltin ghad-dannu tad-dirigenti tal-imsemmi stabbiliment, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-udjenza tallum li baqghet tippersisti fiha anke wara li l-Qorti taghta zmien tikkunsidra.

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputata tiddikjaraha hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Hadet konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputata irrestitwiet fl-intier dak li serqet kif jirrizulta ben tajjeb mir-rapprezentant tad-ditta derubata.

Ikkunsidrat oltre li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel.

Rat ghalhekk l-artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268, 280, 281, 31 tal-Kapitolu 9 u tiddeciedi li tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal tlett snin millum taht l-harsien tal-probation officer.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------